**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**Simon George Farrugia bin Paul u Giorgia li joqghod 'Oulton Sydney', Triq Ghonqa, Xaghra, Ghawdex.**
**Karta ta' Identita' numru 38096(M)**

Illum 12 ta' Dicembru 2001.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fil-11 ta' Ottubru 2001, ghall-habta tat-8.45p.m.fi Triq Parisot, Xaghra, Ghawdex saq vettura numru DBC 335 (1) minghajr il-licenzja mehtiega mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita` tat-Trasport ta' Malta sabiex isuq l-istess vettura (2) minghajr ma kien kopert b'polza t'assikurazzjoni rigward ir-riskji tat-terzi persuni (3) b'velocita` eccessiva (4) b'manjiera traskurata u perikoluza.

Il-Qorti hija gentilment mitluba illi jekk l-imputat jinstab hati, barra il-piena stabbilita mill-istess Qorti jigi sospiz milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' zmien illi l-istess Qorti jidrilha xieraq.

Semghet l-ammissjoni;

Fuq ammissjoni ssibu hati ta' l-ewwel u t-tieni akkuzi;

Issibu hati wkoll tat-tielet u r-raba' akkuzi;

Rat l-artikoli 15 (1) (a) tal-Kap 65 u 3 tal-Kap 104;

Tikkundannah ghal hlas ta' ammenda ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 37 tal-Kap 9 stante li l-imputat ghadu minorenni;

Tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal sitt xhur minn meta jaghlaq tmintax-il (18) sena.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur